

# Ismijiet Ġodda ta' Toroq f'Ħaż-Żebbuġ



**Philip E. Said**



Il-bidla soċjali laqtet il-ħajja f'Ħaż-Żebbuġ kif inħasset f'ħafna bliet u rħula madwar Malta u Għawdex. Dan hu proċess li għadu jinħass fi żmienna u jibqa' jinħass sakemm ikompli jseħħ l-iżvilupp minna l-bnedmin. Jidher l-aktar fl-għadd dejjem jiżdied tal-popolazzjoni. Fost il-fatturi li qegħdin jikkontribwixxu għat-tibdil fl-istruttura tal-popolazzjoni hemm: iż-żieda fil-mezzi ta' transport bil-faċilitajiet kollha li dawn iġibu magħhom, il-mobilità soċjali, id-distanzi dejjem jiqsaru minn post għal ieħor u d-deċentralizzazzjoni ta' servizzi u oqsma oħra tax-xogħol. Ir-rata baxxa ta' fertilità qed ipatti għaliha l-għadd dejjem jiżdied tal-anzjani. Dan il-fenomenu soċjoloġiku u demografiku ġab miegħu bidliet oħra. Apparti l-mod ġdid ta' interazzjoni soċjali u stili ta' ħajja differenti, hemm il-bidla fl-organizzazzjoni tal-ambjent fiżiku ta' Ħaż-Żebbuġ. Insemmu ż-żieda fil-bini ta' djar, iż-żieda fl-oqsma industrijali, u l-bini ta' blokok sħaħ ta' flettijiet. Il-ħajja bejn il-ġirien (*neighbourhood*) ħadet xejra oħra, infetħu faċilitajiet kummerċjali ta' kull għamla u daqs. Ħaż-Żebbuġ, minn ambjent rurali u agrikolu għadda għal ambjent urban. Minn raħal sirna belt b'taħlit kulturali fil-popolazzjoni u bi stili arkitettoniċi differenti. Minn komunità magħluqa li ddur fuqha nnifisha sirna soċjetà miftuħa għal influwenzi ġodda minn fostna stess u minn barra xtutna. U jekk hemm element ġdid fl-ambjent fiżiku li jispikka żgur li hu l-bini ta' ħafna toroq ġodda. It-toroq ġodda iġibu magħhom il-ħtieġa ta' ismijiet ġodda biex il-ħajja tar-residenti tkun aktar organizzata u l-lokalità ikollha sistema soċjali li tinftiehem aktar.

## Ismijiet Ġodda

L-għoti ta' ismijiet lil toroq ġodda hu r-responsabbiltà ta' entità pubblika maħtura mill-Gvern Ċentrali. Din l-entità hija l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq (*Street-naming Committee*). Iżda l-Kunsilli Lokali dejjem ikunu mitluba jagħtu s-suġġerimenti tagħhom għaliex huma l-Kunsilli Lokali li jafu l-istorja, il-kultura u l-mod ta' għixien tal-lokalità tagħhom.



*Filippu Grech*

Ħaż-Żebbuġ għandna erbatax-il triq ġdida li, sakemm ta l-approvazzjoni tiegħu dan il-kumitat, kienu għadhom mingħajr isem. Dan kien ifisser inkonvenjent għar-residenti. Għall-ħabta ta' Mejju 2015, il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq talab lill-Kunsill Lokali biex jagħti proposti ta' ismijiet għalihom. Il-Kunsill Lokali bagħat sbatax-il proposta, bejn ismijiet ta' personaġġi u ta' bini jew żoni antiki, ngħidu aħna, il-Fortizza ta' Ħal Mula, il-Fdalijiet ta' Trapna u il-Mitħna tal-Għodor. Dawn il-proposti

intbagħtu flimkien ma' nota biografika fil-każ ta' personaġġi u nota ta' deskrizzjoni storika qasira fil-każ ta' bini. Dejjem issir attenzjoni għar-rabta tal-ismijiet proposti mal-istorja, il-kultura u l-identità tal-lokalità. Waqt laqgħa ta' diskussjoni mal-Kumitat, f'Novembru 2015, il-Kunsill ġie mgħarraf li, mis-suġġerimenti imressqa, kienu qegħdin jiġu milqugħa sitta. Il-Kumitat ukoll wera l-fehma li t-toroq tal-lokalitajiet Maltin m'għandhomx ikunu imsemmijin għall-personaġġi biss u jkun tajjeb li jsiru suġġerimenti li jfakkru aspetti mill-ambjent, snajja' li jikkaratterizzaw il-lokalità partikolari, u ġrajjiet importanti mill-istorja tagħha. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment, u fil-proposti tagħna tas-sett ta' ismijiet li jmiss naraw li nimxu miegħu.

Is-sitt ismijiet ta' toroq ġodda, sa issa, li ġew approvati mill-Kumitat huma:

1. **Triq J.P. Vassallo (1907-1995)**. Joseph P. Vassallo kien Direttur tal-Edukazjoni bejn l-1947 u l-1968, jiġifieri, is-snin ta' rikostruzzjoni wara t-tieni gwerra dinjija. Fost l-inizjattivi tiegħu, insibu l-introduzzjoni tat-taħriġ tal-għalliema.
2. **Triq Karmen Mikallef-Buħaġar (1920-2005)**. Karmen Mikallef-Buħaġar kienet ammiratriċi kbira ta' Dun Karm, il-poeta nazzjonali, waqqfet Fondazzjoni Letterarja biex tippromwovi l-istudju tal-poeżiji ta' Dun Karm, u kienet promotriċi tal-kultura Maltija.
3. **Triq Filippu Grech (1908-1964)**. Filippu Grech kien benefattur kbir tal-Knisja arċipretali u tal-festa ta' San Filep u fundatur tal-Każin u Banda 12 ta' Mejju.
4. **Triq Mro. Filippo Galea (1829-1901)**. Mro. Filippo Galea kien fundatur ta' baned militari u ċivili f'Malta, fosthom il-*Banda a Filippo Galea* f'Ħaż-Żebbuġ, li maż-żmien bdiet tissejjaħ *Banda di San Filippo*.
5. **Triq Michael Debono (1930-1999)**. Debono kien imprenditur ewlieni li beda s-suq tal-karozzi Toyota f'Malta, u benefattur tal-Knisja u ta' Ħaż-Żebbuġ *(ara wkoll l-artiklu fuq Pinu tal-Lottu …)*.
6. **Triq Pinu Mifsud (1899-1980)**. Arloġġar imfittex u wieħed mill-membri-fundaturi tal-qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ u dak ta' Ħ'Attard.


Mro. Filippo Galea




Ma' dawn, il-Kumitat żied żewġ ismijiet oħra, iżda mhux kif kien suġġerit mill-Kunsill Lokali. Dawn huma: **Triq is-**


Michael Debono


Pinu Mifsud


Francesca Schembri

BANDA SAN FILEP A.D.1851

**Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù** (minflok Triq Dun Piju Farrugia, 1913-1986, il-fundatur u l-promotur tal-bini tas-Santwarju u tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù) u **Triq il-Qabla** (minflok Triq Francesca Schembri, kif kien propost oriġinarjament mill-Kunsill, għalkemm jidher li l-Kumitat bidel il-ħsieb u issa s-suġġeriment tal-Kunsill intlaqa' u t-triq se tibda tissejjaħ **Triq Francesca Schembri 1924-2011**, magħrufa fost ir-residenti bħala l-'majjistra' peress li serviet għal bosta snin bħala qabla jew *midwife*).

Tajjeb li ngħidu wkoll li, sakemm qiegħed nikteb, l-ismijiet imsemmija għad iridu jiġu approvati mill-Ministeru responsabbli u mħabbra uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern

Apparti għal raġunijiet prattiċi ta' identifikazjoni tat-triq għar-residenti, għal min mhux midħla ta' Ħaż-Żebbuġ, u fuq kollox għas-servizz postali, iż-żieda ta' dawn it-tmien ismijiet tkompli tagħmel l-istorja u l-kultura ta' Ħaż-Żebbuġ aktar għanja.

**U issa xi Kurżitajiet!**

L-ismijiet ta' toroq li semmejna, flimkien mal-biċċa l-kbira tal-ismijiet l-oħra jinftiehmu sew għax għandhom konnotazzjonijiet ta' storja. Iżda għandna oħrajn li, ngħid għalija, iqanqlu kurżità dwar l-oriġni u t-tifsira tagħhom. Għandi f'moħħi ismijiet bħal, Triq Għar Ram, Triq Għasfura, Triq Ħal Dwin u Misraħ Dwieli, Triq Ħas-Sajd, Triq il-Gandlora, Triq Ħali u Triq Batu.

L-aktar wieħed li studja u rriċerka dwar l-ismijiiet ta' postijiet f'Malta u Għawdex huwa l-istoriku il-Professur Godfrey Wettinger. Wettinger ġabar ir-riċerka tiegħu fil-pubblikazzjoni *Place-Names of the Maltese Islands c. 1300-1800*. Iżda lanqas hawn ma nsibu tweġiba għall-mistoqsijiet kollha. Wettinger jorbot ħafna l-ismijiet ta' postijiet ma' ismijiet jew kunjomijiet jew laqmijiet tas-sidien tal-istess inħawi. Hekk, ngħidu aħna, jgħid li Ħal Luqa jieħu ismu minn xi ħadd li jġib l-isem ta' Luqa. Tkellimt dwar dawn il-kurżitajiet ma' Monsinjur Lawrenz Cachia li jħobb ħafna l-istorja u l-kultura ta' Malta, ewlenin fosthom l-Ilsien Malti, u li Ħaż-Żebbuġ bl-istorja tiegħu jibqgħu f'qalbu. Mons. Cachia weġibni għal diversi mistoqsijiet, kif ġej:

Misraħ Dwieli huwa isem relattivament reċenti li ngħata minn dawk li tellgħu il-bini f'dawk l-inħawi. Peress li jmiss ma' Ħal Dwin x'aktarx li ħadu l-isem Misraħ Dwieli minn hemm. Ħal Dwin (li ħafna jippronunzjawh Ħ*al Dwil*) ġej mill-kunjom, tal-familja Aldovino, li kien jeżisti tassew.

Skont Mons. Cachia, l-isem Għar Ram "aktarx irid jinkteb u jinqara *Għaram* li hija forma oħra ta' *Għarem/Għorom*, il-plural ta' Għorma li tfisser qatta tiben jew silla".

Triq Għasfura u Triq Ħali aktarx ifakkru laqmijiet ta' nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi, jekk wieħed iżomm mat-teżi ta' Wettinger.

Triq Gandlora ġej minn isem ta' knisja żgħira li kien hemm fiż-żona tal-madwar. 'Gandlora' hija varjazzjoni ta' 'Candelora', mill-kelma 'candela', xemgħa. Il-Gandlora hija festa liturġika tal-Knisja Kattolika, fit-2 ta' Frar, sewwasew erbgħin jum wara l-Milied. Minħabba dan iż-żmien, bdiet tiġi assoċjata mat-tifkira tal-purifikazzjoni tal-Madonna. Iżda s-sens liturġiku veru tagħha huwa t-tifkira tal-preżentazzjoni ta' Kristu fit-tempju fejn Ġesù kien dikjarat minn Xmuni s-Saċerdot bħala d-dawl u s-salvazzjoni tal-bniedem u tal-ħolqien. Hemm tradizzjoni orali fostna ż-Żebbuġin li tgħid li din il-knisja żgħira tal-Gandlora kienet il-knisja ewlenija tar-raħal qabel dan kien iddedikat lil San Filep. Dun Lawrenz jgħid li "fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali kien hemm kwadru żgħir li juri l-Madonna u San Filep".




L-antenati tagħna kienu jinterpretaw din il-pittura bħala prova li San Filep qiegħed jieħu mingħand il-Madonna il-ħarsien ta' Ħaż-Żebbuġ. Meta konna tfal kont nismagħhom jgħidu li kien għad fadal xi ġebel mill-knisja tal-Gandlora li dak iż-żmien ma kienx jidher ħlief borġ ġebel.

Dwar Ħas-Sajd u Ta' Batu, sakemm qed nikteb, ma rnexxilniex insibu għaliex it-toroq rispettivi isemmew hekk, għalkemm Ħas-Sajd huwa żona aktar reċenti minn Ta' Batu.

**Konklużjoni**

Peress li l-ismijiet tat-toroq, bħall-indirizzi tad-djar tagħna, isiru rutina, ftit nagħtu kashom. Jibqa' l-fatt, iżda, li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-ismijiet tixħet dawl fuq l-istorja u l-kultura tal-lokalità tagħhom u kultant ukoll fuq dawk ta' pajjiżna. Jixraq, għalhekk, li nsiru nafu xi jfissru u li ngħaddu t-tagħrif marbut magħhom lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

**Charlie Zammit**

*Radiator Repairer and Supplier of new Radiators*

*Workshop:*
**Paul's Garage, Siġġiewi Str., Żebbuġ - Malta**
**Tel: 2146 7012 • Mob: 9987 0199**



BANDA SAN FILEP A.D.1851